**Messaġġ mill-President tal-Curia, Br Raymond Agius**

Għeżież Brothers u Sisters,

Nitolbu għal xulxin lil-Verġni Marija, Omm Tagħna f'dawn iż-żminiet diffiċli, biex tħarisna u l-Leġjun madwar id-dinja kolha qawwijin u sħaħ.
Niftakru li Mejjju hu x-xahar meta nitolbuha b'mod partikolari.
Nitolbu li niltaqgħu dalwaqt.

Saħħiet.

**Stqarrija tal-Leġjun dwar Immigranti**

Wieħed u tletin għaqda Kattolika qalu li huma xxukjati bid-deċiżjoni tal-Gvern li ma jsalvax lill-immigranti bl-iskuża li l-portijiet huma magħluqin minħabba l-coronavirus.

Fi stqarrija konġunta 31 għaqda qalu li hemm immigranti li nstabu mejta, oħrajn li ntilfu, u oħrajn li qed jinżammu f'kundizzjonijiet inaċċettabbli ta' detenzjoni fil-Libja. L-għaqdiet qalu li dawn mhumiex il-valuri li ggwidaw lil Malta u li sawru lill-pajjiż.

"Bħala Nsara irridu niftakru li Ġesù qiegħed fuq dawk id-dgħajjes," qalu l-għaqdiet. L-għaqdiet qalu li jifirħu x-xogħol tal-Gvern u tal-professjonisti tas-saħħa li qed jiġġieldu kontra l-coronavirus però qalu li wieħed irid jiftakar l-istorja tas-Samaritan it-Tajjeb. Qalu li filwaqt li jirrikonoxxu l-limitazzjonijiet tad-daqs ta' Malta, wieħed ma jistax juża' dan bħala ġustifikazzjoni li jħalli lill-proxxmu fil-periklu. Staqsew x'jiġri jekk ikun hemm ajruplan li jrid jagħmel inżul tal-emerġenza.

"Kif nistgħu nsejħu lilna nfusna Nsara u mbagħad inħallu lin-nies jegħrqu fil-baħar?" staqsew l-għaqdiet. Appellaw lill-istati membri l-oħra tal-Unjoni Ewropea biex jgħinu f'din is-sitwazzjoni.

**Intenzjoni tal-Papa għal dan ix-Xahar—Evanġelizzazzjoni:**
Nitolbu biex id-djakni, fidili lejn is-servizz lill-Kelma t'Alla u l-foqra, ikunu simbolu li jagħti ħajja lill-Knisja kollha.

**Prattika Spiritwali - Marija—Mons Rużar Borg**

Il-Leġjun ta' Marija "Legio Mariae" u Marija tal-Leġjun "Mariea Legionis". Iva il-Leġjun twaqqaf, tmexxa u żviluppa minn Marija. Marija u l-Leġjun huma ħaġa waħda u aktar ma aħna l-Leġjunarji tagħha nsiru ħaġa waħda ma' Marija aktar Hi ssir ħaġa waħda magħna. "Totus Tuus", "jiena tiegħek kollni kemm jien". Din l-espressjoni divina għidniha meta għamilna l-wegħda leġjunarja, intennuha f'kull Acies u nagħmlu ħilitna kollha biex ngħiduha kull jum, kull ħin. Irrid akkost ta' kull sagrifiċċju ngħoġobha, ma nibżgħax mis-sagrifiċċju. Inqis ruħi lsir tagħha. Niddefendiha u nxandarha. Inkun veru leġjunarju tagħha billi bħal ma qal il-Qaddis t'Alla Frank Duff fuq il-Venerabbli Edel Quinn inkun inkarnazzjoni tal-Manwal tal-Leġjun.

**Ħsieb għax-xhar ta' Mejju**

Matul dan iż-żmien, il-Knisja fil-liturġija tibda tħejjijna għall-festa ta' Għid il-Ħamsin. Meta l-Ispirtu s-Santu nieżel fuq l-ewwel dixxipli, imliehom bil-qawwa tiegħu biex joħorġu u jxandru l-Aħbar it-Tajba, jiġifieri, li Alla sar bniedem; għadda ħajtu fostna; kien viċin min qed ibati u mwarrab mis-soċjeta'; fejjaq 'il-morda; keċċa x-xjaten u ħafer lill-midinbin. Għallimna dak li hu sewwa, bil-kliem u bl-eżempju. Ta ħajtu għalina fuq is-salib u qam rebbieħ fuq id-dnub u l-mewt biex isalvana, iseħibna miegħu u jqaddisna. Fit-23 t'April 2020, il-Leġjun għalaq 80 sena mit-twaqqif tiegħu. Il-Leġjun joffrilna l-mezzi biex aħna wkoll bħala dixxipli ta' Ġesu' nkomplu l-istess missjoni tiegħu, bħalma għamlu l-ewwel dixxpli wara Għid il-Ħamsin. Fit-talb tal-bidu, aħna nsejħu lill-Ispirtu s-Santu biex jimla l-qlub tagħna u fit-talb tal-aħħar nitolbu 'l Mulej ħalli jieqaf magħna biex nkomplu naħdmu fil-għalqa tiegħu. Għalhekk, Ġesu' għadu jaħdem fina u permezz tagħna, bħala membri tal-Ġisem Mistiku tiegħu. Ejjew matul ix-xhar ta' Mejju, nitolbu aktar lil Sidtna Marija, ħalli kif tgħaddi din l-imxija, aħna wkoll, fuq l-eżempju tal-appostli li kienu msakra ġewwa, mimlijin bl-Ispirtu s-Santu, noħorġu b'ħeġġa kbira, biex inwasslu lil Kristu lill-oħrajn.

## Avvizi

1. **Kliem il-Ħajja**—Bosta leġjunarji huma jew abbonati fil-publikazzjoni, Kliem il-Ħajja (KIH), jew inkella distributuri. Il-Ħarga ta' Mejju 2020 tinsab fuq Laikos.

**2. Il-Ħajja ta' Ġesù għat-tfal**— Ġejna nfurmati mill-awtur, b'din il-publikazzjoni fuq il-computer, tal-ħajja ta' Ġesù. Klikkja fuq lemin għall-Ingliż,

https://gms.hu/fileservice/gemesEditor/v2.08/player.php?content_id=1258

Dettalji dwar minn kitbu hu hekk,: Din hi soru, kap tal-Ordni tagħha, u Presidenta tal-Kumitat tal-Altar. Hi studjat l-Italja, u għanda Dottorat mill-Catholic University ital-Ungerija. Hi l-'main organiser' tal- Eucharistic Conference 2020 li saret fl-Ungerija, u kitbet ħafna, inkluż l- 'official book;' tal-'Conference'.

3. **Posters**—Fl-aħħar ċirkolari nfurmajnikom li konna pprintjajna Posters tar-Rużarju u tal–Konsagrazzjoni tal-Familja. Hemm Praesidia li diġa ordanw, u minn hu nteressat hu mitlub jik-kuntatja lit-Tezoriera.

4. Niftakru l-**Qari Spiritwali tal-Għid**, issuġġerit mid-Direttur Spiritwali tar-Regia,

| | | |
|---|---|---|
| L-Ewwel ġimgħa tal-Għid | Mt 28, | 1-15 |
| It-Tieni ġimgħa tal-Għid | Ġw 20, | 19-29 |
| It-Tielet ġimgħa tal-Għid | Lq 24, | 13-35 |
| Ir-Raba' ġimgħa tal-Għid | Ġw 21, | 1-14 |
| Il-Ħames ġimgħa tal-Għid | Ġw 21, | 15-23 |
| Qabel Tlugħ is-sema | Mt 28, | 16-20 |
| Qabel il-Għid il-Ħamsin | Atti 2, | 1-13 |

*CURIA*
*OMM IR-RAGĦAJ*
*IT-TAJJEB*



AVVIŻI

Mejju 2020